MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 159/2008/1

**Michele Peresso Ltd. (C6469) u ghal kull interess illi jista' jkollha Euro Sport Limited (C32991)**

**Vs**

**Lighthouse Communications Ltd (C21425)**

Il-Qorti,

Fil-15 ta' April 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ippresentat mis-socjetajiet rikorrenti fit 8 ta' April 2008 fejn stqarrew illi huma kienu qabbdu lis-socjeta intimata Lighthouse Communications Limited sabiex tipproducielhom magazine biex jitqassam ma Malta u Ghawdex kollu bl-isem 'Eurosport Malta's Leading Sports Shops', f' Lulju 2007, liema magazine, ghalkemm gie pubblikat, kellu varji difetti fih u ghalhekk ma giex prodott skond is-sengha u l-arti, kif ukoll ma tqassamx ma' Malta u Ghawdex kollu skond stharrig illi ghamlet l-istess socjetajiet rikorrenti.*

*Rat ir-risposta ippresentata mis-socjeta intimata fis 16 ta' Mejju 2008 fejn laqghet ghal dak lilha imputat billi qalet li l-prodott sar skond is-sengha u l-arti u kien tajjeb ghall-iskop li ghalih kien gie ordnat kif ukoll sahqet illi l-magazine gie attwalment mqassam kif miftiehem.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Cynthia Calleja****, impjegata tas-socjeta rikorrenti u li tieghu hsieb l-advertising tal-kumpanniji kollha formanti il-Group ta' Michele Peresso, ippresentat fit 28 ta' Ottubru 2008 u d-dokumenti minnha esebiti kif ukoll il-kontro ezami taghha illi sar fit-8 ta' Frar 2012.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Christina Peresso,*** *direttur tal-kumpannija, ippresentat fit 28 ta' Ottubru 2008 u d-dokumenti minnha esebiti kif ukoll il-kontro ezami taghha illi sar fit-8 ta' Frar 2012.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Alan Parascandalo****, ippresentat fl 4 ta' Novembru 2008 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-26 ta' Novembru 2012.*

*Rat l-affidavit ta’ **Antonio Ghio**, ghalliem gewwa l-MCAST tal-‘printing technology’, ippresentat fl 20 ta’ Jannar 2009 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta’ April 2012.*

*Rat ix-xhieda moghtija viva voce fl 10 ta’ Marzu 2009 ta’ **Roderick Muscat Monsigneur,** direttur tas-socjeta intimata u dokumenti maghha esebiti kif ukoll il-kontro ezami tieghu illi sar fit-8 ta’ Frar 2011.*

*Rat ix-xhieda moghtija viva voce fit-13 ta’ Mejju 2009 ta’ **Edwin Mallia**, Manager fi hdan il-Maltapost Limited inkarigat mid-deliveries, kif ukoll il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta’ Ottubru 2010.*

*Rat l-affidavit ta’ **Patricia Zahra**, impjegata mas-socjeta intimata bhala ‘Business Relations Officer’, ippresentat fl 10 ta’ Novembru 2009 u l-kontro ezami taghha illi sar fis-27 ta’ Ottubru 2010.*

*Rat l-affidavit ta’ **Dr Marco Marziale**, direttur tas-socjeta Taljana Fratelli Spada, illi kienet giet inkarigata taghmel l-istampar tal-magazine meritu tal-kawza odjerna, ippresentat fl 10 ta’ Novembru 2009 u il-kontro ezami tieghu illi sar fis-27 ta’ Ottubru 2010.*

*Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2012, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 15 ta’ April 2013 bil-fakolta’ tan-noti.*

*Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 18 ta’ Jannar 2013 u tas-socjeta intimata ippresentata fl 1 ta’ Marzu 2013.*

***Ikkunsidrat***

*Illi il-kawza odjerna tirrigward pubblikazzjoni ta’ magazine da parte tas-socjeta intimata fuq istruzzjonjiet tas-socjetajiet rikorrenti, liema*

*magazine, intitolat 'Eurosport Malta's Leading Sports and Casual Shops', kellu jitqassam ma' Malta u Ghawdex kollu fix-xhur tas-sajf tas-sena 2007 bhala parti mill-kampanja ta' advertising tas-socjetajiet rikorrenti ghas-Sale tas-sajf 2007.*

*Illi s-socjeta intimata, illi kienet gia tqabbdet precedentement biex taghmel magazine iehor simili ftit taz-zmien qabel fuq materjal disinjat minn socjeta ohra imqabbda mix-socjeta rikorrenti, kienet, fil-kaz odjern, tqabbdet sabiex kemm tiddisinja kif ukoll tippubblika il-magazine.*

*Tali magazine, illi kien intiz sabiex jippromuovi il-bejgh tas-socjetajiet rikrorenti, kien juri hafna mill-prodotti illi kienet qed tbiegh is-socjeta rikorrenti fiz-zmien, fosthom il-prodotti tas-socjeta Adidas.*

*Bhala parti mill-process biex il-magazine jitlesta, is-socjeta initmata hadet ritratti tad-diversi prodotti illi s-socjetajiet rikorrenti riedu jippromuovu u dawna, flimkien mad-disinn tal-magazine, intbghat mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti ghall approvazzjoni taghhom. Sussegwentement, wara illi dawna gew approvati, l-materjal intbghat barra minn Malta, lis-socjeta taljana Fratelli Spada, fejn dawna ippubblikaw madwar 145,000 kopja, u dawna intbghatu lura lis-socjeta intimata ghad-distribuzzjoni f'Malta u Ghawdex.*

*Bhala parti mill-ftehim, is-socjeta intimata, meta bdiet tqassam il-magazines, ghaddiet hamest elef kopja li-socjeta rikorrenti sabiex tkun tista tiddistribwixxi l-istess fil-hwienet taghha. Dakinhar stess flighaxija, ossija fil 31 ta' Lulju 2007 fl 22.38pm, il-Managing Director, Christina Peresso, kitbet lis-socjeta intimata fejn infurmatha illi l-prodott kien skadenti peress illi kien ta' kwalita' baxxa hafna u intimat lill-istess socjeta intimata sabiex, fi zmien gimgha, tindika r-rimedji illi setghu isiru ghal dana il-fatt.*

*Jumejn wara, fit 2 ta' Awissu 2007, is-socjeta intimata irrispondiet fejn qalet illi huma ma setghu jaraw ebda difetti kif kien qieghed jigi allegat mis-socjeta rikorrenti, madanakollu, hija ghaddiet l-ilment lis-socjeta estera Fratelli Spada li kienu stampaw il-magazine sabiex jikkummentaw dwar tali ilment.*

*Fid-9 ta' Awissu s-socjeta rikorrenti intimat lis-socjeta intimata sabiex tirrifondi d-depositu lilha imhallas u tigbor il-magazines li kienet ghadditielha filwaqt illi stqarret li s-socjeta Adidas kienet ser tipprotesta ghal tali prodott, liema protest di fatti sar fid 19 ta' Awissu 2007.*

*Dakinhar stess, is-socjeta intimata regghet ghal darba ohra irrfjutat responsabbilta' ta dak allegat u ghamlet referenza ghas-stharrig u kummenti maghmulha mis-socjeta estera Fratelli Spada, li ghaddiet ukoll lill-istess socjeta rikorrenti. Tali kummenti kienu jghidu:-*

*The copies which we have checked, show a slight weakness in the charge of the yellow and extra strength in the charge of red when compared with the colour proof we have made for the front page. Although the difference in the two colours is only +/- 7%, it is sufficient to alter the final result. Unfortunately, the quality of the repro is not very good and printing on 57 gsm LWC (which has a relatively low whiteness) does not make things better.*

*Is-socjeta intimata, madanakollu, stiednet lis-socjeta rikorrenti sabiex jiltqghu biex jiddiskutu soluzzjonijiet. Madanakollu, permezz ta' email datata 16 ta' Awissu 2007, Christina Peresso infurmat illi kwalsiasi laqgha hija "completely futile and a completely (sic) waste of time" u intimat illi kienu ser jinbdew proceduri legali. Tmien xhur wara inbdew il-proceduri legali odjerni.*

***Ikkunsidrat**.*

*Illi tul il-proceduri, il-partijiet ipproducew esperti, minn naha tas-socjeta rikorrenti, u l-istampatur, minn naha tas-socjeta intimata, sabiex jressqu il-veduti taghhom dwar il-prodott finali meritu tal-kawza odjerna, fejn ix-xhieda tas-socjeta rikorrenti qalu illi l-prodott ma kienx tal-livell misthoq u certi stampi ma kienux ta' kwalita accettabbli filwaqt illi x-xhieda tas-socjeta intimata stqarr illi kien hemm varjazzjonjiet zghar fil-kuluri adoperati izda tali varjazzjoni kien zgir u ghalhekk kien ta tollerranza accetata fil-qasam tal-istampar.*

*Il-Qorti kellha l-possibbilta illi tanalizza hija stess il-magazine meritu tal-kawza odjerna, ossija id-dokumenti ippresentat bhala Dok CC12 a fol 54*

*tal-process, u dana mhux bl-ottika ta' espert f'dana il-qasam izda bhala cittadin komuni li ghalih dana il-magazine kien finalment indirizzat.*

*Mill-ewwel daqqa t'ghajn, jidher car illi l-prodott ghandu ftit kulur aktar hamrani minn dak mixtieq u jirrizulta wkoll illi, f'certi pagni, certi prodotti setghu kellhom ftit lewn roza ghalkemm kienu bojod. Ghalhekk, jidher car illi xi difettt fl-istampar attwalment kien hemm. Madanakollu, harsa lejn il-prodott globali, ossija it-tnax il-pagna tieghu, certament ma jwassalx ghall-konkluzjoni li qed tasal ghaliha s-socjeta rikorrenti illi l-prodott kollu huwa skadenti, u dana peress illi l-magazine xorta ottjena l-ghan tieghu billi wera id-diversi prodotti li s-socjeta rikorrenti kienet qed tbiegh lic-cittadin komuni u certament, il-kwalita' tal-istampar ma kienx ser inaqqas fil-fatt jekk il-klijent giex imhajjar jew le jixtri il-prodott tas-socjeta rikorrenti, illi huma prodotti ta' ditti rinomati u ricerkati minn kullhadd.*

*Illi ghalhekk, l-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti illi kelha tigi rifuza l-flejjes kollha lura ma peress illi l-prodot kien skadenti zgur ma jirrizultax. Semmai, ghandu japplika xi tnaqqsi fil-bilanc dovut, illi huwa l-meritu ta' kawza odjerna, illi qed tinstema kontestwament ta' dina l-kawza u li qed tigi deciza minn dina l-Qorti illum stess.*

*Illi s-socjeta rikorrenti, apparti l-ilment illi l-prodott kien skadut, tilmenta wkoll illi l-magazine ma tqassamx ma' Malta u Ghawdex kollu u, biex tiggustifika tali ilment, tistqarr li, f'hargiet sussegwenti ma kumpanniji ohra, giet mitluba tippubblika 160,000 kopja u mhux 140,000 kopja ghad-distribuzzjoni ma' Malta u Ghawdex kollux. Apparti minn hekk, tippresenta studju illi hija ghamlet fost il-klijenti taghha fejn gie innutat li minn fost 53 klijent li gew mistoqsija, 24 stqarrew li ma rcevewx il-magazine.*

*Is-socjeta initmata, minn naha taghha, esebit survey illi hija taghmel regolarment rigward il-magazine illi hija tippubblika regolarment bl-isem ta' 'The Bargain', illi mieghu tqassam il-magazine tas-socjeta rikorrenti, illi jaghti rizultat differenti fis-sens illi jirrizulta li hamsa u disghin fil-mija tal-persuni li gew intervistati ikkonferma illi rcevew il-magazine 'The*

*Bargain'. Illi dana ifisser, skond is-socjeta intimata, li l-magazine meritu tal-kawza odjerna kellu l-istess livell ta' infiltrazzjoni ukoll.*

*Il-Qorti, rinfaccjata b'dawn iz-zewgt rapporti konfliggenti, ma tistax ma tinnutax illi, kif stqarr ir-rappresentant tas-socjeta initmata, ir-rapport minnhom redatt huwa importanti ghall-business taghhom billi huwa l-uniku mod kif jistghu ikejjlu l-infiltrazzjoni tal-magazine taghhom mac-cittadin u li, is-sahha tieghu, ikunu jistghu jiffaccjaw id-diversi negozzjanti illi regolarment jirreklamaw fuq il-magazine taghhom. Apparti minn hekk, ghandu jinghad ukoll illi tul il-korrispondenza kollha skambjata bejn il-partijeit qabel ma infethet il-kawza, qatt ma saret referenza ghal tali nuqqas. Il-Qorti ghalhekk tasal ghal konkluzjoni illi dana huwa biss tentattiv iehor da parte tas-socjeta rikorrenti biex tiskredita s-servizz tas-socjeta intimata bil-ghan illi tipprova l-argument taghha.*

*Il-Qorti tinnota li l-prodott finali huwa dak li hu, w id-difetti li hemm huma visibbli ghalkemm mhux devastanti kif donnha taghti x'tifehm is-socjeta rikorrenti,  u ghalhekk ma kellha bzonn tressaq ebda argument iehor biex tiggustifika l-ilment taghha dwar il-kwalita finali tal-prodott.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiema u quddiem din il-Qorti, diversament ippresejeduta u*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partjiet*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

*Filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta intimata*

*Tichad it-talba attrici.*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a karigu tas-socjeta rikorrenti".*

Illi l-appellanti s-socjetajiet Euro Sport Limited u Michele Peresso Limited appellaw mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

(a) Apprezzament hazin tal-provi prodotti ghar-rigward tad-difetti fil-prodott ahhari, liema difetti gew rikonoxxuti fl-ahhar mill-ahhar mill-ewwel Qorti wkoll. Intqal illi ghandha issir distinzjoni bejn difett illi ma jattakkax l-essenza ta’ oggett u illi ma itellifix l-utilita’ tieghu u difett illi jolqot l-essenza ta’ oggett u últimament l-utilita’ tieghu. L-ewwel Qorti ghalhekk issottovalutat in-natura tad-difett meta waslet ghad-decizjoni taghha.

Mir-rikors ta’ l-appell jidher illi l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju dwar il-lanjanza l-ohra taghhom illi l-prodott jew ahjar il-*magazine* ma kienx gie imqassam fid-djar kif miftiehem u kwindi din l-Qorti ma hijiex ser tissindika id-decizjoni ta’l-Ewwel Qorti ghar-rigward dina il-kawzali.

Illi mill-qari tat-talba li biha gew inizjati dawn il-proceduri johrog illi r-rapport guridiku bejn s-socjeta appellanti u s-socjeta` konvenuta jista’ jigi assimilat ghal dak ta’ *locatio operis*. “Kuntratt dan konsistenti minn obbligazzjoni *di fare* li, xi drabi, jista’ jwassal ghal kreazzjoni ta’ “opus” in se li tghati lok ghall-interess kreditorju”. F’dana il-kaz madanakollu is-socjeta intimata kienet qabbdet lis-socjeta estera Fratelli Spada sabiex jaghmlu ix-xoghol ta’l-istampar fuq ordni maghmula lilhom mis-socjeta appellanti. Is-socjeta appellanti tallega izda li x-xoghol ikkumissjonat minnha kien mifni bid-difetti u ghalhekk qeghdin jippretendu ir-rifuzjoni tad-depozitu akkont li hallsu ghal dawn ix-xogholijiet.

Kwindi ghalkemm mhux guridikament iddikjarata jidher illi huma qeghdin jadixxu lil Qorti ghar-risoluzzjoni tal-ftehim ta'l-appalt ezistenti bejnha u is-socjeta appellata.

"**Hu principju konsagrat fil-gurisprudenza illi min jindahal ghal bicca xoghol ghandu l-obbligu li jassikura illi l-prestazzjoni tieghu tkun sejra issir utilment u mhux b'mod li tikkontjeni id-difetti Hu, anzi, ammonit illi "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'il quddiem". Ara "Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972. Dan jghodd sew ghall-appalt kif ukoll ghal *locatio operis* in kwantu f'dan ta'l-ahhar huwa annoverat l-appalt**[1]."

Illi s-socjeta appellata twiegeb ghal dan billi tishaq illi is-socjeta estera minnha inkarigata sabiex taghmel ix-xoghol ta'l-istampar sar skond l-ispecifikazzjonijiet mehtiega u fil-limiti ta' tolleranza industrijali fil-qasam ta'l-istampar u allegat illi il-konsegwenza tad-difett fl-istampar seta' gie ikkagunat mill-kwalita' ta' karta li intuzat fuq ordni tas-socjeta appellanti stess.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, moghtija fid-9 ta' Marzu, 1939, fil-kawza fl-ismijiet: Robert Micallef vs Joseph Mamo proprio et noe[2] inghad:

"**il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali li huwa dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-esekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni jinsab fl-ezami jekk ix-xoghol, kif jirrizulta, jkunx affett jew le minn vizji sostanzjali. Dawn huma**

[1] Marie Paul Wagner vs International Translation Agency Limited App.Inf. 30/10/2009
[2] Pubblikata Koll.Vol.XXX.iii. 433

**dawk id-difetti, imsejjhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol, waqt li ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.**"

Kwindi l-Ewwel Qorti gustament dahlet sabiex tezamina jekk id-difett fl-istampar ilmentat mis-socjeta appellanti kienx wiehed essenzjali u li ghalhekk ixejjen l-iskop li ghalih gie ordnat il-prodott u ghalhekk jekk it-talba attrici kenitx wahda gustifikata.

Illi huwa fatt palesi illi l-iskop li ghalih jigi ippubblikat u iccirkolat *magazine* bhal dak mertu ta' dawn il-proceduri huwa illi jwassal lin-negozjant sabiex ihajjar iktar nies jixtru il-prodotti tieghu u ghalhekk jawmentawlu il-bejgh u konsegwentement il-qliegh. Is-sahha tar-reklamar f'ghajnejn il-bejjiegh huwa essenzjali ghan-negozju tieghu u huwa proprju dan ghalhekk l-utilita ahhari ta'l-oggett li giet ikkummissjonata sabiex thejjí is-socjeta appellata.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi ghalkemm s-socjeta appellanti ilmentat illi minhabba dana ix-xoghol hazin hija kellha tinvesti f'reklamar mill-gdid peress illi kien wasal fil-qrib is-*sale* ta'l-istagun tas-sajf u ghalkemm tilmenta illi dana ir-reklamar negattiv seta' kellu konsegwenzi fuq il-bejgh tal-prodotti taghha, madanakollu fl-atti ma ingiebet l-ebda prova dwar dan biex b'hekk

mhux maghruf jekk l-iskop li ghalih ikun sar l-magazine u cioe' wiehed ta' *marketing* u reklamar giex milhuq.

Ukoll ghalkemm is-socjeta appellanti tressaq zewg xhieda bhala esperti *ex parte* sabiex jishqu illi l-kwalita ta'l-istampar tal-gurnal ma kienx wiehed accettabbli,[3] minn naha taghha s-socjeta intimata issostni illi l-istampar sar skond l-ispecifikazzjonijiet mehtiega ghall-istampar mis-socjeta estera bl-isem ta' Fratelli Spada s.p.a. li huma jinkarigaw sabiex jehdulhom hsieb l-istampar tal-magazine taghhom[4]. Dan jargumenta illi d-difett riskontrat u cioe' l-varjazzjoni tal-kulur setghet giet ikkagunata mill-kwalita tal-karta li fuqha sar ix-xoghol ta'l-istampar, karta li finalment giet approvata mis-socjeta appellanti. Konsegwentement mhumiex responsabbli ghad-difett li ikkonsegwa.

Din il-Qorti tosserva illi l-materja in dizamina kienet wahda ta' natura teknika billi is-sengha taht il-lenti taghha hija wahda li tenhtieg gharfien specjalizzat u ghalhekk kien ikun ghaqli li kieku tqabbad espert tekniku indipendenti biex jassisti lill-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha. Illi ciononostante l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi d-difett li irriskontrat *ictu oculi* ma kienx iwassal sabiex itellef fl-utilita ta'l-oggett u l-ghan illi ghalih gie prodott.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti ghaddiet sabiex cahhdet it-talba taghhom f'dina l-istanza, izda *arbitrio bone viri* ikkalkolat id-danni sofferti mis-socjeta appellanti fl-ammont ta' €2000 u dana fil-kawza fl-ismijiet inversi fejn is-socjeta appellata,

---

[3] Ara xhieda ta' Anthony Ghio u Anthony Parascandalo
[4] Ara xhieda ta' Marco Marziale rappresentant tas-socjeta Fratelli Spada u ic-certifikazzjoni esbeieta a fol.105

rikorrenti f'dawk il-procedura kienet qed titlob il-hlas minn ghand is-socjeta appellanti, ghax-xoghol minnha esegwit u li baqa' ma thallasx, l-appell minn liema sentenza ukoll ser jigi deciz kontestwalment ma' dina l-kawza.

Fil-kawza Angelo Busuttil vs Pio Fedele et deciza mill-Prim'Awla fid-9 ta' April, 1968 Imhallef M. Caruana Curran, il-Qorti kienet qalet li fil-hajja komuni huwa facili li wiehed jghid li m'ghandux ihallas ghax ix-xoghol ma jkunx tajjeb u mhux skond l-arti u s-sengha, izda fil-prattika legali, fejn ma tistax tkun superficjali u tiggeneralizza wisq, trid tidhol sew fil-qalba tal-kwistjoni li hija l-prova tad-difetti fl-esekuzzjoni tal-appalt. Spiss dina tipprezenta diffikulta dwar liema soluzzjoni ghandha tigi adoperata u cioe' jekk hux ir-rigett tad-domanda ghal-hlas minhabba inadempjenza tal-appaltatur jew l-alternattiva ta' pagament b'giusta riduzzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjonijiet taghha dwar ix-xejra tad-difett ilmentat minn indagini li ghamlet hija stess bl-ottika ta' cittadin komuni li ghalih il-*magazine* ikun indirizzat. Huwa minnu illi id-difett huwa wiehed vizibbli anke ghal min mhux espert fil-qasam ta'l-istampar. Izda il-qorti mhux s'hawn trid tasal u cioe' sabiex tistabilixxi in-natura tad-difett, izda il-prova li kellha iggib is-socjeta appellanti kienet jekk tali difett kienx wiehed essenzjali ghall-iskop li ghalih ikun ser iservi il-prodott u allura jekk tali difett kellux riperkussjonijiet gravi u irreparabbli ghaliha. Kif diga gie senjalat fl-atti il-provi huma mankanti u dana fir-rigward tad-danni arrekkati lis-socjeta appellanti minhabba d-difetti fl-istampar kif allegat minnhom u kwindi dina l-Qorti difficilment tista' tasal sabiex takkolji l-appell minnhom interpost u tilqa' it-

talba taghhom ghar-rifuzjoni tad-depozitu minhom effetwat favur is-socjeta appellata billi ma giex indikat minnhom jekk in-nuqqas fil-prodott ahhari kellux konsegwenzi dannuzi u ma lahaqx l-iskop li ghalih kien sar. Is-socjeta appellata tressaq provi li tindika illi l-*magazine* gie imqassam kif miftiehem fir-residenzi tal-konsumaturi. Li dan ma kellux l-effett mixtieq ma giex ippruvat billi s-socjeta appellanti ma tressaqx provi dwar nuqqas ta’ bejgh, jew ilmenti minn naha tal-klijenti. Lanqas ma tressaq prova dwar reklamar mill-gdid li kellu jsir kif allegat. Inoltra ghalkemm issostni illi ma gewx sewgiti l-*International Standards* tal-prodott rikjesti mill-*Adidas Group*, madanakollu ma tressaqx prova dwar f’hiex jikkonsistu dawn l-*istandards* internazzjonali. Illi ghalhekk ghalkemm huwa minnu illi l-istampar f’partijiet minnu ghandu kif ilmentat infiltrazzjoni tal-kulur roza fuq xi imagini li jidhru fil-gurnal, madanakollu ma hemmx provi li jindikaw illi dana d-difett kien tali illi irrenda l-iskop li ghalih sar wiehed inutli.

Kwindi hija il-fehma ta’ din il-Qorti, illi s-socjeta appellanti ma irnexxiliex tressaq provi sodisfacenti sabiex issostni it-talba taghha u cioe’ illi d-difetti li kien fih il-prodott finali kienu essenzjali  tali illi jaghtuha id-dritt ghar-risoluzzjoni tal-ftehim ta’ l-appalt u l-konsegwenzjali rifuzjoni tad-depositu imhallas minnha u kwindi ma tara l-ebda raguni ‘il ghala ghandha tvarja id-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi is-sentenza tal-Ewwel Qorti qed tigi ikkonfermata u l-appell qed jigi respint.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ibatuhom is-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------